# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 384/13 FDP**

**Cambio Stile Limited**
**(C 51755)**

**vs**

**JM Novelton Properties Limited**
**(C 30113)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-12 ta' Dicembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' ghaxart elef, erbgha mija u tmienja u erbghin Euro u disghin centezmu (€10,448.90) rappresentanti xoghol rez mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata u debitament indikat fil-fattur annessa mar-rikors promotur u datata 16 ta' Settembru 2013.

Rat illi s-socjeta intimata, fit 22 ta' Jannar 2014, permezz ta' eccezzjonijet mihha ppresentata, sahqet illi s-socjeta rikorrenti ma ghandha ebda interess guridiku lejn is-socjeta intimata, stante illi x-xoghol li kkuntrattat is-socjeta intimata kien ma certa Vincenzo Toscano, li eventwalment sub-kontratta x-xoghlijiet tas-socjeta intimata mas-socjeta rikorrenti, liema Toscano gia thallas akkont ta' l-istess xoghlijiet illi taghhom is-socjeta rikorrenti qieghda tippretendi hlas minghand is-socjeta intimata. Ghalhekk hija insistiet illi kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Is-socjeta intimata sahqet ukoll fil-meritu, illi l-ammont mitlub huwa eccessiv stante illi bbazat fuq kejl hazin filwaqt illi insistiet illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat illi fit 3 ta' Frar 2014, il-provi bdew jingabru fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata.

Rat l-affidavits ta' **Jonathan Micallef** u **Marthese Micallef,** rappresentanti tas-socjeta intimata ippresentati fl-10 ta' Marzu 2014 mis-socjeta intimata, wara liema provi l-istess socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta dwar l-ewwel eccezzjoni.

Sema x-xhieda in kontro ezami u ri-ezami ta’ Jonathan Micallef moghtija fil 5 ta’ Mejju 2014.

Sema x-xhieda in kontro ezami u ri-ezami ta’ Marthese Micallef moghtija fit 23 ta’ Gunju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet x-xhieda ta’ **Sebastiano Vicario**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fis 6 ta’ Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Anthony Bonnici**, rappresentant tal-GO plc. prodott mis-socjeta rikorrenti, u moghtija fis 26 ta’ Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ **Vincenzo Toscano**, prodott mis-socjeta rikorrenti u moghtija fis 26 ta’ Jannar 2015.

Rat illi fis 26 ta’ Jannar 2015 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fid 19 ta’ Frar 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Sebastiano Vicario moghtija fit 8 ta’ Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Vincenzo Toscano moghtija fit 8 ta’ Gunju 2015.

Rat illi fit 22 ta’ Ottubru 2015 il-partijet qablu illi dwar l-ewwel eccezzjoni ma kienx fadallhom aktar provi x’jrsesssqu w il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali orali.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 28 ta’ Jannar 2016, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata, JM Novelton Properties Limtied, kellha hanut gewwa l-Gzira, illi hija kienet qieghed tirrinnova sabiex tiftah bhala hanut fil bidu ta’ Lulju 2013 (fol 29).

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata kienet avvicinat lill Vincenzo Toscano, li s-socjeta intimata giet a konoxxenza tieghu barra minn Malta meta kienet qieghda tixtri materjal ghall-hanut, sabiex dana jaghmel xoghol ta’ soqfa tal-gypsum u partitions tal-gypsun fi hdan l-istess hanut.

Jirrizulta illi l-istess Vincenzo Toscano, fit-3 ta’ April 2013, baghat quotation lis-socjeta intimata b’referenza ghax-xoghol illi huwa kien ftiehem illi jaghmel mas-socjeta intimata, fol 38.

Jirrizulta illi Toscano, sussegwentement, inghata pagament ta’ tlett elef Euro (€3,000) akkont tax-xoghol illi kellu jsir.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, Vincenzo Toscano qabbad lill-terzi sabiex jaghmlu xoghol fl-istess hanut, inkluz ix-xoghol illi huwa kien ikkuntratta mas-socjeta intimata huwa stess, ossija xoghol ta’ soqfa tal-gypsun u partitions tal-gypsum.

Jirrizulta illi, ghalkemm il-hanut kien ippjanat illi jinfetah f'certa data, eventwalment ix-xoghol kollu ma tlestiex, ghalkemm Vincenzo Toscano kien qabbad lill Sebastiano Vicario, propretarju tas-socjeta rikorrenti, sabiex jaghmel ix-xoghlijiet, ghax tali haddiema abbanunaw il-lant tax-xoghol u s-socjeta intimata qabbdet lill-terzi sabiex ilestu x-xoghol u eventwalment fethu ftit aktar tard milli previst, ossija fl-10 ta' Lulju 2013.

Jirrizulta illi, eventwalment, is-socjeta intimata irceviet minghand is-socjeta rikorrenti, fis 16 ta' Settembru 2013, kont ghax-xoghol illi l-istess socjeta rikorrenti kienet qieghda tippretendi li tithallas tieghu, liema hlas is-socjeta intimata ikkontestat stante illi sahqet illi hija qatt ma qabbdet lis-socjeta rikorrenti izda kienet qabbdet lill-Vincenzo Toscano u kienet ghaddietlu pagament, u kien Vincenzo Toscano illi qabbad lis-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti baqghet titnsiti illi l-kont kien dovut, stante illi rappresentanti tas-socjeta intimata kienu regolarment jikkomunikaw ma' Sebastiano Vicario dwar ix-xoghol illi kien qed isir.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mhux kontestat mill-istess rappresentant tas-socjeta rikorrenti, ossija Sebastiano Vicario (fol 46), illi s-socjeta intimata kienet qabbet lill-Vincenzo Toscano sabiex jaghmel ix-xogholijiet.

Jirrizulta illi tali fatt huwa kkonfermat anke minn Vincenzo Toscano fix-xhieda tieghu (fol 54).

Jirrizulta mhux kkontestat ukoll illi s-socjeta rikorrent qatt ma harget 'quotation' lis-socjeta intimata ghas-servizzi illi kienet ser tippresta, u kienet hadmet fuq il-quotation illi kien hareg Vincenzo Toscano (fol 106), liema quotation huwa kien iddiskuta ma' l-istess Toscano (fol 46).

Jirrizulta ikkonfermat mir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Sebastiano Vicario, illi huwa <u>ma ghandu ebda ftehim f'ismu mas-socjeta intimata</u>, stante illi l-ftehim applikabbli kien dak illi kien hemm bejn is-socjeta intimata u Vincenzo Toscano (fol 107).

Jirrizulta finalment ikkonfermat minn Vincenzo Toscano illi huwa inizzjalment hareg il-quotation ghax-xoghlijlet lis-socjeta intimata u sussegwentement, wara illi ftiehem mas-socjeta intimata dwar ix-xoghol illi kellu jsir, kellem lill-Sebastiano Vicario sabiex jghinu fix-xoghol (fol 110).

Jirrizulta wkoll illi, mument minnhom, Vincenzo Toscano ghadda pagament lill Sebastiano Vicario ta' hames mitt Euro, ghal xoghlijlet illi huwa kien ghamel lis-socjeta intimata. (fol 110)

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha kif prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car illi s-socjeta intimata kienet dahhlet fi ftehim ma' Vincenzo Toscano u mhux mas-socjeta intimata, rappresentata minn Sebastiano Vicario.

Jirrizulta wkoll bl-aktar mod car illi Sebastiano Vicario dahal fix-xena unikament wara illi s-socjeta intimata kienet ftiehmet fuq ix-xoghol illi kellu jsir u prezzijiet ma' Vincenzo Toscano.

Jirrizulta, di fatti, illi x-xoghol illi tieghu s-socjeta rikorrenti kienet qieghda tippretendi l-hlas (fol 2) kien l-istess xoghol illi Vincenzo Toscano kien baghat quotation u giet accettata mis-socjeta intimata fit 3 ta' April 2013. (fol 38-39)

Jirrizulta illi, ghalkemm Sebastiano Vicario jinsisti illi s-socjeta intimata kienet regolarment tikkomunika mieghu dwar ix-xoghol, jirrizulta illi dana kien dovut ghal fatt unikament illi x-x0ghol, dak iz-zmien, kien qieghed isir fizikament minn Sebastiano Vicario u persuni ohra minnu mqabbda, u mhux ghax kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta ta' Sebastaino Vicario, ossija s-socjeta rikorrenti, u is-socjeta intimata, kif qieghda tinsisti s-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta, ghalhekk, illi huwa minnu dak illi qieghda tikkontesta s-socjeta intimata, illi hija qatt ma kkuntrattat mas-socjeta rikorrenti izda illi hija nnegozjat u ftehmet ma' Vincenzo Toscano, u semmai, is-socjeta rikorrenti kellha ddur fuq Vincenzo Toscano ghall-hlas u mhux ghandha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u ghalhekk, filwaqt illi

**Tillibera** lis-socjeta intimata mill-osservanza tal-gudizzju

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti.

Spejjez tal-kawza ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur